

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 180/2014****tal-25 ta' Settembru 2014****li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE
[2015/1248]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/180/KE⁽¹⁾, li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida, u konsegwentement ir-referenza li ssir għaliha għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.
- (2) Għal raġunijiet prattiċi, l-atti elenkati taħt l-intestatura "ATTI LI TAGĦHOM IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦANDHOM JIEĦDU NOTA" fil-Kapitolu XV tal-Anness II għandu jiġu nnumerati mill-ġdid.
- (3) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XV tal-Anness II għall-Ftehim taż-ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 12j (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/180/KE) jitħassar.
2. Taħt l-intestatura "ATTI LI TAGĦHOM IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦANDHOM JIEĦDU NOTA" mill-punt 13 (imħassar) sa 26 (Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' April 2006) huma nnumerati mill-ġdid bħala l-punti minn 1 sa 14.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fis-26 ta' Settembru 2014, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 3*Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2014.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**Il-President*

Kurt JÄGER

⁽¹⁾ ĠUL 57, 2.3.2000, p. 34.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali mhuma indikati.